**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sitta (6) ta' Mejju 2025

Kawża Nru 61/2022

**Il-Pulizija**
***(Supretendent Bernard Charles Spiteri)***

vs

**Alison Apap**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Alison Apap**, bint Carmel u Mikelina nee' Rapa, imwielda Rabat Għawdex, nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 1983, u residenti numru tlieta (3), 'Orchidea', Triq Cordina, Għajnsielem, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 16483(G) talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' April 2022 u fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel ġewwa

r-residenza numru tlieta (3), 'Orchidea', Triq Cordina, Għajnsielem, Għawdex u/jew f'dawn il-Gżejjer:

(1) ġiegħlet annimal jsofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn[1];

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żammet annimal għandha mingħajr ma' kienet responsabbli għat-trattament xieraq tieghu;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi naqset milli tieħu dawk il-passi raġjonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtigijiet ta' annimal li hija kienet responsabbli għalih jew li qablet li tieħu ħsiebu, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal[3];

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi naqset li iżżomm kelb f' kumpartiment adegwat skond l-Iskeda ġewwa żona mdawra bi ċnut sikuri[4];

[1] Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 4(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.21.

(5) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bħala detentur ta' kelb naqset milli tavża lid-Direttur fiż-żmien sebat (7) ijiem meta kelb ġie trasferit minn sidu jew mid-detentur tiegħu. [5]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex jekk l-imputata tinstab ħatja ta' reati li jkunu jikkonsistu f'moħqrija tal-annimali, il-Qorti tista' meta tqis li jkun xieraq, b'żieda mal-piena, tipprojbixxi lill-persuna misjuba ħatja milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu l-annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit mill-Qorti u dan skont l-artikolu 45(1)(b) tal-Kap. 439.

Il-Qorti ġiet ġentilment wkoll mitluba, sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska tal-annimal (kelb) u dan skont l-artikolu 45(3) tal-Kap. 439.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu 2024, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda prodotti sa dakinhar

[5] Artiklu 5(10) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101.

kif wkoll milli jerġgħu jiġu sottomessi d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura inkluż wkoll ix-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti: nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April 2022, il-Pulizija irċievew kwerela mid-Dipartiment tad-Direttorat tal-Ħarsien tal-annimali, fejn intalbu jieħdu passi kriminali fil-konfront ta' Alison Apap. Dan għaliex wara spezzjoni li kienet saret mill-membri tal-istess Dipartiment fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April 2022 kienu sabu annimal li kien qiegħed jinżamm maħqur. Il-kelb ittieħed mill-uffiċjali li għamlu l-ispezzjoni. Alison Apap ġiet ikkuntattjata mill-Pulizija. Wara li hija ġiet mogħtija d-drittijiet kollha tagħha, hija għażlet li tirrilaxxa stqarrija. Apap spjegat lill-Pulizija li l-kelb ma kienx tagħha iżda kien tal-eks raġel tagħha Daniel Bogdanovic. Il-kelb kien inxtara mill-Ingilterra u kien inġab Malta meta t-tnejn li huma kienu irritornaw lura Malta mill-Ingilterra. Il-kelb kien ilu għandhom għal ftit iktar minn għaxar snin. L-akkużata spjegat wkoll li fis-sena 2020,

Bogdanovic kien telaq mid-dar u l-kelb baqa’ d-dar magħha. Ikkonfermat illi kienet iżżomm il-kelb ġo shaft. Għalkemm ix-xemx kienet taħkem, kien ikollu xi ftit tad-dell. Kompliet tgħid li meta jkun hemm it-tfal id-dar, il-kelb kien jiddaħħal ġewwa. Fix-Xitwa u meta kienet tkun ix-xita kienu jraqduh ġewwa. Sostniet wkoll li kullma setgħet tagħmel mal-kelb għamlitu, minkejja li l-kelb ma kienx tagħha.

Ikkunsidrat:

L-ewwel tlett (3) akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużata jikkonċernaw ksur tal-artikolu 8 tal-Kap. 439. Hija qed tiġi akkużata bi ksur tal-artikolu 8(2) tal-Att li jipprovdi, inter alia, li l-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, il-ksur tas-subartikolu (3) tal-istess artikolu, li jipprovdi illi kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm annimali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, kif ukoll bil-ksur tal-obbligu maħsub fis-subartikolu (4) tal-artikolu 8 tal-Att, impost fuq min huwa reponsabbli għal annimal jew min jaqbel li jieħu ħsieb annimal, li jieħu l-passi kollha biex jiżgura li l-ħtiġijiet tal-annimal jintlaħqu skont kif imfisser fl-istess subartikolu.

Il-kunċett ta’ responsabbilta’ li minnu jitkellem l-artikolu 8 tal-Kap. 439 ġie spjegat fid-dettal fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta

fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Elliot Magro) vs Oswald Scicluna***[6], fejn il-Qorti spjegat:

> *"L-artikolu 8 tal-Kap. 439 jixħet l-obbligu ġenerali għall-ħarsien tal-annimal u għat-trattament xieraq tiegħu mhux biss fuq il-persuna li hija "responsabbli" għalih, iżda wkoll fuq "kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali" u fuq kull min"jaqbel li jieħu ħsieb l-annimal". Fil-fehma tal-Qorti il-kunċett ta' "responsabbilita'" għal annimal għall-fini tal-Att, speċifikatament l-artikolu 8, għandu jingħata tifsira wiesa' u estensiva u dan sabiex l-għanijiet tal-liġi, ċioe' biex jiġi assigurat u konsolidat il-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali, jintlaħqu bl-iktar mod effettiv.*
>
> *Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) jixħtu obbligu ġenerali fuq kull persuna u mhux biss fuq il-persuna "responsabbli" għall-annimal, biex jassigura illi "L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn…*

[6] Deciz fl-14 ta' Gunju 2023 per Il-Magistrat Rachel Montebello

*Dan ifisser illi persuna li jiġi ppruvat illi ġiegħlet lil annimal ibati jew isofri dwejjaq bla bżonn, kif maħsub fis-subartikolu (2), tkun passibbli għall-pieni stabbiliti mill-Artikolu 45 et sequitur tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali anke jekk ma tkunx il-persuna li effettivament iżżomm l-annimal jew qablet li tieħu ħsiebu."*

Dan ifisser għalhekk li mhix difiża għall-akkużata li targumenta li l-kelb kien tal-eks raġel tagħha u li għalhekk hija ma tistax titqies li għandha responsabbilitajiet fil-konfront tal-istess kelb. La darba l-kelb kien jinsab fi propjeta tagħha u fl-ambjenti fejn hija kienet qed tgħix, hija kienet responsabbli għalih u riedet tara li tieħu ħsiebu. Ma setgħetx tiskarta mill-obbligi li l-leġislatur jimponi fl-artikolu 8 tal-Kap. 439 sempliċiment għaliex hija ma kinitx sid il-kelb u l-kelb ma kienx reġistrat fuq isimha.

Il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Christina Delia) vs Leon Borg***[7] fejn b'riferenza għar-reati kontemplati fl-artikolu 8(2) u 8(3) tal-Kap. 439, il-Qorti ikkumentat li:

*"Illi l-imputat jinstab mixli bl-imputazzjoni regolata mill-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439). L-artikolu 8(2) li jiddisponi illi:*

[7] Kumpilazzjoni Numru 477/2019 deċiża fit-tnax (12) ta' Mejju 2020:

*(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.*

*Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġiegħ tal-annimal miżmum.*

*Bil-piena għal dan ir-reat jigi regolat mill-artikolu 45 tal-istess Att. Illi imbagħad l-artikolu 2 tal-Att tagħti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:*

*''moħqrija'', fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa;*

*Hekk kif il-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin iħobbu l-annimali u dawk li jrabbu l-annimali domestiċi qiegħed dejjem jiżdied. Għandu minnufih jintbagħat messaġġ b'saħħtu lil dawk il-persuni li iwettqu atti moħqrija fuq l-annimali, għaliex dawn l-atti mhux aċċettabbli.*

*Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija, jew dwejjaq bla bżonn jew li jiġi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni ta' ommissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeċċih fiżikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos milli titimgħu u tagħti kasu. Tista' jġegħlu jbati billi ttiħ ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' jġegħlu jbati billi tonqos milli ttiħ biżżejjed ikel tajjeb għalih. Tista' jġegħlu jbati wġiegħ billi issawtu fiżikament daqskemm tissta' jġegħlu jbati wġiegħ billi ma ttiħx il-kura veterinarja meħtieġa għal mard jew ġrieħi li jkollu (Appell numru 146 tal-2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmelo ZAMMIT deciz mill-Imhallef Aaron Bugeja fit-12 ta' Novembru 2019)."*

Minn eżami tal-atti proċesswali jidher li l-proċeduri penali fil-konfront tal-akkużata bdew abbażi ta' żewġ raġunijiet prinċipali:

(a) il-fatt li l-kelb li instab fir-residenza tagħha kien irqiq; u
(b) li allegatament dan il-kelb ma kellux spazju adegwat fejn kien qiegħed jinżamm.

Mir-rapport tal-ispezzjoni li sar mill-uffiċjali tad-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali, irriżulta li l l-kelb kellu provvista tajba ta' ikel u ilma, ma kellux mard li jidher, u ma kienx marbut. Irriżulta wkoll li huwa kien qiegħed jinżamm f'ambjent nadif kif wkoll kellu d-dawl u l-arja rikjesti għalih. F'dan l-istess rapport dawn l-affarijiet kollha ġew klassifikati li kienu tajbin ħafna jew eċċellenti. Kellu biss *body score* li ġie deskritt bħala "fqir". Madanakollu mill-eżami mediku li sar minn Dr Kurt Scicluna dakinhar stess li l-kelb inġabar mill-uffiċjali tad-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali, ma irriżultax li l-kelb kien afflitt minn xi mard partikolari. It-testijiet li sarulu għall-mard speċifiku ġew kollha negattivi. Apparti minn hekk testijiet oħra mediċi taw riżultati li kienu fil-parametri tan-normalita.[8] Elaine Camilleri, spettur tad-Dipartiment, tispeċifika wkoll kif il-post u d-dar fejn kien qed jinżamm il-kelb kienu nodfa u li l-ambjent ma kienx tali minn fejn il-kelb seta' jlaqqat xi infezzjonijiet.

[8] Ara rapport mediku a fol. 43.

Għalkemm mhux kontestat li l-kelb in kwistjoni seta' kien irqiq, l-uffiċjali tad-Dipartiment baqgħu ma ġabu l-ebda prova li jorbtu dan il-fatt ma' xi azzjoni jew ommissjoni tal-akkużata. Mill-provi prodotti għandu jiġi eskluż li seta' kien hemm xi azzjoni speċifika jew ommissjoni tal-akkużata li wasslet jew ikkontribwiet għal dan l-istat tal-kelb. Kif ġia indikat, il-kelb kellu provvista tajba ħafna ta' ikel u ilma u kien f'saħħtu. Elaine Camilleri tispeċifika kif l-istess kelb kien għadu enerġetiku.[9]

Il-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu li tipprova għalfejn il-kelb kien irqiq u x'kien wassal għal dan la darba l-istess Prosekuzzjoni kienet qed tallega li l-akkużata kisret l-obbligi naxxenti mill-artikolu 8 tal-Kap. 439 propju għaliex il-kelb kien irqiq. Din il-prova l-Prosekuzzjoni m'għamlithiex. Mill-istess spezzjoni li saret fil-post fejn kien qed jinżamm il-kelb u mill-eżami kliniku li sar fuq l-istess kelb fl-ebda ħin ma ġie indikat li l-ikel li l-kelb kellu għad-disposizzjoni tiegħu ma kienx ideali għalih. Apparti minn hekk l-istess uffiċjali tad-Dipartiment lanqas ma indikaw x'għamlu differenti wara li l-kelb ittieħed taħt il-kustodja tagħhom u jekk kienx hemm bdil fil-fiżjonomija tal-kelb bl-attenzjoni li tawh mill-istess Dipartiment. Fir-rigward ta' dan l-aspett hemm karenza assoluta ta' provi. Il-Qorti kienet tistenna li jkun hemm *follow-up* mill-istess Uffiċjali tad-Dipartiment biex jindikaw x'ġara minn dan il-kelb u kif dan ġie 'l quddiem, aktar u aktar meta wieħed iqis li l-ispezzjoni saret fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April 2022 u Patricia Azzopardi, id-Direttur tal-Animal Welfare flimkien mal-uffiċjali li għamlu l-ispezzjoni xehdu kważi sena

[9] Fol. 48 tal-proċess.

wara li l-kelb kien ittieħed mid-Dipartiment. Żgur li jekk il-kelb f'dan iż-żmien sarlu xi ħaġa differenti jew ingħata affarijiet u/jew kura li ma kienx qed jingħata mill-akkużata meta dan kien magħha, kien hemm biżżejjed żmien biex il-kelb jagħmel progress u jinġabu provi dwar dan. Madanakollu provi f'dan is-sens ma inġabux. Il-Qorti assolutament m'għandhiex prova dwar jekk il-kelb ġiex 'l quddiem. Tqis li din kienet prova fundamentali li riedet tinġab għaliex setgħet titfa' dawl fuq il-fatt jekk l-akkużata kinitx qed tonqos f'xi aspett tal-kura li hija kienet qiegħda tagħti lill-kelb. Dan ifisser għalhekk li m'hemm l-ebda prova tanġibbli u ċara in atti li torbot il-fatt li l-kelb kien irqiq ma' xi azzjoni jew nuqqas da parti tal-akkużata.

It-tieni kwistjoni li wasslet għal dawn il-proċeduri kienet il-bitħa fejn kien qed jinżamm il-kelb. Ġie allegat li d-daqs tal-bitħa ma kienx idoneju biex fiha jinżamm il-kelb. Fir-rapport tal-ispezzjoni, l-ispazju li l-kelb kellu għad-disposizzjoni tiegħu ġie ikklassifikat bħala "Average".[10] L-Ispettur tad-Dipartiment Elaine Camilleri xehdet li l-yard fejn kien qed jinżamm il-kelb kien adegwat biex jinżamm għall-ftit tal-ħin iżda ma kienx adegwat biex joqgħod hemm sigħat sħaħ.

Il-Qorti tinnota li dwar l-allegazzjoni jekk il-kelb kienx qiegħed jinżamm għal sigħat twal ġo dan is-shaft ma inġabet l-ebda prova. Ibda biex ma inġabet l-ebda prova dwar ir-rapport oriġinali li sar lid-Dipartiment u li wassal sabiex saret l-ispezzjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' April 2022.

[10] Ara check list a fol. 42 tal-proċess.

Minn dak li ħareġ mix-xhieda tal-Ispetturi x'aktarx li d-Dipartiment kien konxju tal-persuna li għamlet ir-rapport anke għaliex ġew mgħoddija lid-Diparitment ritratti ta' dan il-kelb. Din il-persuna pero ma ġietx inġunta biex tixhed.

Lanqas Daniel Briffa, l-uffiċjal li irċieva r-rapport ma xehed f'dawn il-proċeduri. Daniel Briffa kien wkoll l-uffiċjal mid-Dipartiment li ordna li issir tali spezzjoni u li ordna l-konfiska tal-kelb. Il-Qorti tqis li kien essenzjali li hija tiġi provduta bid-dettalji tar-rapport oriġinali kif wkoll li jkollha għad-disposizzjoni tagħha r-ritratti li taw lok għall-investigazzjoni li wasslet għal dan il-każ. Il-Qorti tinnota li kien hemm tlett (3) seduti li fihom Daniel Briffa seta' tressaq biex jixhed: is-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu 2024; is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Ġunju 2024 u s-seduta tat-tmienja (8) ta' Ottubru 2024. Il-Qorti ma tifhimx bid-diffikulatajiet li kien hemm biex jinstab dan ix-xhud minkejja l-possibilitajiet kollha li tat il-Qorti, u anke tenut kont tal-fatt li dan ix-xhud huwa impjegat tal-istess Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali.

Fin-nuqqas tax-xhieda ta' Daniel Briffa kif wkoll fin-nuqqas tax-xhieda tal-persuna li għamlet ir-rapport oriġinali lid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali, il-Qorti m'għandhiex provi suffiċjenti biex tasal għall-konklużjoni li dan il-kelb kien qed jinżamm il-ġurnata kollha fis-shaft. L-ispezzjoni ta' ftit minuti li saret mhix suffiċjenti biex il-Qorti tasal biex tippronunzja xi ħtija f'dan ir-rigward. Anzi mill-istess spezzjoni li saret kif wkoll mix-xhieda ta' Manuela Bogdanovic ħareġ biċ-ċar kif il-kelb ma

kienx qiegħed iqatta' l-ħin kollu ġol-bitħha. Kien ikun fid-dar tar-residenza tal-akkużata fil-ħin li hi u uliedha kienu jkunu d-dar u kien wkoll jinħareġ regolarment. Kien wkoll jinżamm ġewwa meta tkun ix-xita. Għalkemm ġie allegat li ma kellux ilqugħ mix-xemx, fil-ħin li saret l-ispezzjoni – li kien bejn l-għaxra u l-ħdax u nofs ta' filgħodu x'ħin ix-xemx tkun ġia bdiet turi l-qawwa tagħha – ma kienx hemm xemx fil-bitħa fejn il-kelb kien qed jinżamm. Tenut kont wkoll li din kienet bitħa ta' maisonette li tifforma parti minn blokka appartamenti, huwa improbabbli li l-bitħa tkun esposta għax-xemx għal tul sostanzjali ta' ħin u dan minħabba l-għoli tal-istess bini. Għalhekk il-Qorti għal dawn ir-raġunijiet lanqas ma tista' tirriskontra xi nuqqas f' dan ir-rigward.

Dan ifisser għalhekk li l-ewwel tlett (3) akkużi ma ġewx pruvati.

Għar-rigward ir-raba' (4) akkuża, din hija marbuta mal-Iskeda li tinsab fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.21. L-iskeda tindika l-kejl minimu superfiċjali tal-post fejn għandu jinżamm kelb. Il-kejl jiġi stabbilit tenut kont id-daqs tal-kelb kif wkoll in-numru ta' klieb li jkun hemm fl-istess post fl-istess ħin. Din il-Qorti tqis li sabiex setgħet tinstab ħtija għal din l-akkuża partikolari, kellha tinġab prova tad-daqs tal-kelb (fis-sens tat-tul tiegħu mill-art) kif wkoll riedet tinġab il-prova li l-bitħa kellha daqs anqas minn dak stabbilit fl-iskeda. Dawn il-provi ma inġabux. Ġew provduti biss ritratti li minnhom il-Qorti mhix fil-posizzjoni li toħroġ dawn id-dettalji. Għalhekk ma jistax jitqies li din l-akkuża ġiet sodisfaċentement pruvata.

Rigward il-ħames (5) u l-aħħar akkuża, ir-regolament 5(10) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jistabilixxi li: *"Id-Direttur għandu jiġi avżat fi żmien sebat ijiem meta kelb li jkollu liċenza jmut jew jiġi* ***trasferit minn sidu jew mid-detentur tiegħu****."* L-obbligu għalhekk ma kienx fuq l-akkużata sabiex hija tinforma lid-Direttur bil-fatt li l-kelb kien qiegħed għandha; l-obbligu kien fuq l-eks-raġel tagħha. Infatti fit-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni li kien ġie iffirmat bejn il-partijiet u li ġie esebit f'dawn il-proċeduri l-eks-raġel tagħha kien anke obbliga ruħu li jagħti lill-awtoritajiet kompetenti avviż li l-kelb li qabel kien tiegħu kien issa għadda f'idejn l-eks-mara tiegħu.[11] Għaldaqstant jekk kien hemm xi nuqqas dan kien tal-eks-raġel tal-akkużata u mhux tal-akkużata. Għalhekk din l-aħħar akkuża lanqas ma tirriżulta.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti **mhux qiegħda issib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha** li ġew miġjuba fil-konfront tagħha u qiegħda għalhekk tilliberaha minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

[11] Fol. 95 tal-proċess.

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur